MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 875/2001/1

**Joseph u Leah ATTARD**

**vs**

**Victoria u Emanuel SAMMUT, Dorothy Arnold, Carmen Azzopardi, Esther Cauchi, Joseph Grima, Emanuel Vella**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-18 ta' Mejju, 2001, li bih l-atturi ippremettew:

Illi l-attur Joseph Attard (junior) ilu għal numru ta' snin jaħdem ir-raba magħruf bħal ta' Ġnien Ingraw fil-limiti tal-Mellieħa, tas-Samara, fil-limiti tal-Mellieħa; u Tal-Ħofra fil-limiti tal-Mellieħa;

Illi l-attur Joseph Attard dejjem ħadem dan ir-raba bħala l-uniku xogħol tiegħu u l-għajxien tiegħu u tal-familja tiegħu jiddependi mill-ħdim ta' dan ir-raba;

Illi hu kien l-uniku persuna li għal numru ta' snin kellu l-pussess ta' dan ir-raba kif jiġi ppruvat waqt din il-kawża;

Illi l-konvenuti daħlu f'dan ir-raba 'l fuq imsemmi b'mod vjolenti, kissrulu l-apparat għat-tisqija u qattgħulu l-pajpijiet ta' l-ilma kif ukoll ħartu l-art u qerdulu l-prodotti li kellu miżrugħin b'danui kbir għalih;

Illi dan l-aġir tal-konvenuti kkawża ħafna danni lill-atturi;

Għalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom ikkommettew spoll u għamlu ħsara u kkawżaw danni lill-attur;

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti jew min minnhom sabiex fi żmien qasir u perentorju jiżgombraw mill-għelieqi Ta' Ġnien Ingraw, Tal-Ħofra u Tas-Samara lkolll limiti tal-Mellieħa u jagħmlu dawk ix-xogħlijiet meħtiega sabiex kollox jerga jsir kif kien, u dan fi żmien qasir u perentorju li jogħgobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti;

3. Tagħti lill-attur is-setgħa li jieħu lura l-pussess ta' l- għelieqi 'l fuq imsemmija taħt kull provvediment li jogħgobha tagħmel din l-Onorabbli Qorti;

4. Tillikwida d-danni kkagunati mill-konvenuti lill-attur;

5. Tikkundanna lill-istess konvenuti jħallsu lill-attur dawn id-danni hekk likwidati;

Bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Mejju, 2001[1], li bih, fuq talba tal-atturi b'rikors tat-18 ta' Mejju, 2001, biex il-kawża tinstama' bl-urġenza, ipprovdiet dwar il-ġbir tal-provi bil-mezz tal-affidavit;

Rat in-Nota mressqa fil-21 ta' Ġunju, 2001, li biha l-imħarrkin eċċepew:

1. Illi preliminarjament jingħad li Emanuel Vella ma jeżistix;

2. Illi mingħajr pregudizzju għall-premess f'kawża ta' spoll ma jistax jintalab zgumbrament izda li l-konvenuti jiġu kkundannati jqiegħdu kollox għall-istat ta' qabel;

3. Illi t-talbiet attrici għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li kif ser jirriżulta mill-provi ma ġie kommess ebda spoll u f'kull każ ma jissustux l-elementi rikjesti f'kawża ta' spoll;

4. Illi f'kawża ta' spoll m'humiex ammissibbli talbiet għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni peress li l-Qorti teżamina biss il-fatt tal-pussess;

5. Illi mingħajr pregudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjeż kontra l-atturi li huma minn issa nġunti in subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrkin;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-13 ta' Novembru, 2001, li bih l-imħarrka laqgħet in-notifika tal-atti tal-kawża u għamlet

[1] Paġ. 11 tal-proċess

tagħha l-eċċezzjonijiet imressqin mill-imħarrkin l-oħrajn kif fuq ingħad;

Rat id-Degriet tagħha tat-13 ta' Novembru, 2001, li bih tat lill-partijiet il-fakulta' li jressqu Noti ta' Sottomissjonijiet dwar it-tieni (2$^{i}$) u r-raba' (4$^{a'}$) eċċezzjonijiet;

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet imressqa mill-imħarrkin fit-3 ta' Jannar, 2002[2], dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet;

Rat id-Degriet tagħha tas-16 t'April, 2002, li bih u fuq talba tal-avukat tal-atturi, tat lill-istess atturi iżjed żmien biex iressqu n-Nota ta' Osservazzjonijiet bi tweġiba għal dik tal-imħarrkin;

Rat in-Nota ta' Tweġiba tal-atturi mressqa waqt is-smigħ tat-28 ta' Mejju, 2002[3];

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tat-28 ta' Mejju, 2002, u tas-17 t'Ottubru, 2002, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' spoll privileġġat.  L-attur qiegħed jgħid li l-imħarrkin daħlu fir-raba' fil-pussess tiegħu u wara li għamlulu l-ħsara fit-tagħmir tat-tisqija u qerdulu l-uċuħ, u qegħdin iċaħħduh milli jerġa' jidħol fir-raba'.  Hu qiegħed jitlob li jiġi dikjarat li, b'għamilhom,  l-imħarrkin wettqu spoll kontrih.  Qiegħed jitlob li huma jinħarġu 'l barra mir-raba' tiegħu fi żmien li jingħatalhom,  u li jitħalla jidħol fir-raba' tiegħu. Qiegħed jitlob ukoll li l-imħarrkin jiġu kundannati jħallsuh id-danni għall-ħsara li ġarrab b'għamilhom;

[2] Paġġ. 19 sa 22 tal-proċess
[3] Paġġ. 27-9 tal-proċess

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi qalu li f'azzjoni ta' spoll ma jistax jintalab żgumbrament imma r-radd lura tal-ħaġa fl-istat li kienet qabel l-għamil attakkat, li ma jeżistux l-elementi biex l-azzjoni tista' titressaq, li f'azzjoni ta' spoll ma jistgħux isiru talbiet għal-likwidazzjoni u għall-ħlas ta' danni, u li t-talbiet attriċi m'humiex mistħoqqa;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar iż-żewġ eċċezzjonijiet fejn jingħad li la tista' tintalab it-tkeċċija tal-imħarrkin mir-raba' u l-oħra fejn jingħad li m'hemmx lok għal talba ta' likwidazzjoni u kundanna ta' ħlas ta' danni f'azzjoni ta' spoll;

Illi l-eċċipjenti m'humiex jgħidu espressament li l-azzjoni attriċi ma tiswiex minħabba wħud mit-talbiet magħmulin mill-atturi, imma qegħdin jillimitaw irwieħhom għal dikjarazzjoni li talbiet bħal dawk f'azzjoni bħal din ma jistgħux isiru. Huwa biss fil-kors tat-trattazzjoni tagħhom dwar dawn l-eċċezzjonijiet[4] li jimplikaw in-nuqqas ta' siwi tal-azzjoni attriċi minħabba dawn it-talbiet;

Illi ż-żewġ naħat jaqblu li l-azzjoni mibdija mill-atturi hija dik tal-ispoll privileġġat. L-elementi ta' din l-azzjoni huma marbutin man-natura strettament sommarja tagħha. L-indaġni li l-Qorti trid tagħmel f'kawża bħal din trid tkun limitata għall-aħħar għas-sejbien tal-pussess fl-attur, it-tneħħija għal kollox jew in parti tal-attur mill-pussess tal-ħaġa, u li l-azzjoni tkun inbdiet fi żmien xahrejn minn dak inhar li sar l-għamil ta' spoll. Huwa għalhekk li l-artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili jsemmi u jintrabat mal-artikolu 791 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili dwar l-eċċezzjonijiet li jistgħu jitressqu mill-parti mħarrka f'azzjoni bħal din;

Illi l-Qorti tirreferi wkoll għall-artikolu 791(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li juriha liema hija t-triq li għandha timxi biex tqis kawża ta' spoll. Issa l-Qorti tara li, b'uħud mit-talbiet imressqa mill-atturi, din il-mixja mħaffa ma tistax issir, għaliex dak mitlub jmur lil hinn mill-indaġni "sommarja" tat-tliet elementi fuq imsemmija. Il-Qorti ma

[4] Ara n-Nota tal-Osservazzjonijiet tagħhom f'paġ. 21 tal-proċess

tistax taqbel mas-sottomissjoni magħmula mill-atturi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom fis-sens li m'hemm xejn x'iżomm lil attur f'kawża ta'spoll milli jressaq 'il quddiem talbiet oħrajn, imqar jekk dawn ukoll jidħlu fil-petitorju. Bl-akbar rispett lejn sottomissjoni bħal din, ikun qiegħed jintwera nuqqas radikali ta' fehma ta' x'inhi l-azzjoni ta' spoll meta ssir sottomissjoni bħal din. Minbarra dan, eżerċizzju ta' indaġni fil-petitorju jew biex il-Qorti tfittex dwar danni ma jistax jitqies ħaġa oħra għajr bastun fir-roti mitfugħ mill-attur fl-azzjoni tiegħu stess. Azzjoni li l-għan tagħha hu li l-parti spoljata titqiegħed lura fil-pussess li minnha ġiet imċaħħda illegalment qabel kollox tispiċċa mliġġma milli timxi 'l quddiem minn dik il-parti nnifisha li ressqtiha. Dan m'għandux ikun, minbarra li huwa kontra s-sens innifsu li ssir ġustizzja ma' min jistħoqqlu;

Illi, għalhekk, il-Qorti ssib li taqbel mal-atteġġament meħud mill-imħarrkin, kif minnhom muri tant tajjeb fin-Nota tagħhom u fis-sentenzi minnhom imsemmija;

Illi l-Qorti trid issa tqis x'effett għandhom l-eċċezzjonijiet taħt eżami fuq l-andament tal-kawża. Jekk l-għan tal-eċċezzjonijiet kien dak li l-Qorti tiddikjara minn issa x'inhuma r-rimedji li tista' tagħti mas-sentenza aħħarija, allura l-eċċezzjonijiet iridu tabilfors jitqiesu wara li l-mertu jkun ġie mistħarreġ. Jekk, min-naħa l-oħra, l-għan tal-eċċezzjonijiet kien li joqtlu l-kawża minħabba kwestjoni ta' siwi tal-att ġudizzjarju, allura huwa meħtieġ li l-Qorti tqis jekk l-eċċezzjonijiet jidħlux f'dak li jipprovdi l-artikolu 789 tal-Kap 12;

Illi mill-erba' (4) ċirkostanzi maħsuba fl-artikolu 789(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura, huma l-paragrafi (ċ) u (d) li jistgħu b'xi mod iqarrbu għall-għamla ta' eċċezzjonijiet li dwarhom qegħda tingħata din is-sentenza. Issa, filwaqt li l-liġi tgħid li f'każ ta' nullita' maħluqa bi ksur tal-forma talo-att, l-eċċezzjoni tintlaqa' biss jekk kemm-il darba l-preġudizzju għall-parti mħarrka ma jistax jissewwa jekk mhux bit-tħassir tal-att, fil-każ ta' nullita' mnissla minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali tal-att mitluba espressament mil-liġi, eċċezzjoni bħal din ma tistax tingħata jekk in-nuqqas

jew il-ksur tal-liġi jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi;

Illi din il-Qorti, wara li fliet b'reqqa l-imsemmija dispożizzjonijiet u wkoll l-atti tal-kawża, tasal għall-fehma li, filwaqt li l-eċċezzjonijiet taħt eżami għandhom mis-sewwa, ma jġibux b'daqshekk li l-att taċ-Ċitazzjoni ma jiswewx. Dan jingħad għaliex: (a) it-talbiet essenzjali tal-azzjoni ta' spoll huma inklużi fl-att taċ-Ċitazzjoni (kemm hu hekk, fit-tieni talba, minbarra t-talba għall-iżgumbrament tal-imħarrkin, hemm talba biex dawn "jagħmlu dawk ix-xogħlijiet meħtieġa sabiex kollox jerġa' jsir kif kien", li hija l-qofol tar-reintegrazzjoni) ; (b) għaliex l-imħarrkin ma wrewx li, bil-mod kif inhi mfassla ċ-Ċitazzjoni, huma qegħdin ibatu xi preġudizzju li ma jistgħux jeħilsu minnu jekk mhux bit-tħassir tal-att; (ċ) Qorti li tqis kif imiss l-azzjoni attriċi fil-limiti imfissra mil-liġi tista' tagħti kull rimedju li ma jmurx lil hinn minn dak assolutament meħtieġ għall-azzjoni ta' reintegrazzjoni (daqstant ieħor, għalhekk, tista' tirrifjuta li tqis talbiet li m'humiex inerenti għall-azzjoni ta' spoll); u għaliex (d) il-prinċipju li att ġudizzjarju safejn huwa possibbli għandu jiġi salvat aktar milli jiġi mħassar, huwa llum il-ġurnata meqjus bħala prinċipju għaqli u ekwu fil-qasam tal-amministrazzjoni tal-ħaqq;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

Filwaqt li **tilqa' t-tieni u r-raba' eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin, u tiddikjara li f'azzjoni ta' spoll it-talba għandha tkun għat-tqegħid ta' kollox għall-istat li kien qabel l-ispoll, u li m'hemmx post għat-talba għad-danni;

**Tiddikjara** li l-azzjoni attriċi, kif imfassla, fiha elementi biżżejjed biex tista' titmexxa 'l quddiem bħala azzjoni possessorja, kif maħsuba mill-atturi.

Fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni jibqgħu għas-sentenza finali.

---------------------------------TMIEM---------------------------------